C/2024/6210

16.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-10 ta' Ottubru 2024

li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għal-Latvja

(C/2024/6210)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2022 [2], il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Ilona KIUKUCĀNE sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem.

(3) Il-Gvern tal-Latvja ppreżenta kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Anete NEILANDE hija maħtura membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Ilona KIUKUCĀNE għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-10 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

PINTÉR S.

[1] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1).